**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD 5.12.10: IT-TIENI ĦADD TAL-AVVENT.**
**Fil-10.30a.m.** Quddiesa u ċelebnrazzjoni tal-Magħmudija
**Fid-9.15a.m.** Jibda irtir ta' satgħejn għall-Katekisti kollha f'Dar Manresa. Fil-11.30 ikun hemm il-quddiesa.
**Fil-5.00p.m.** Fil-parroċċa ta' San Ġorġ Victoria Mons. Isqof se jmexxi r-Rit li bih xi seminaristi se jirċievu l-ministeru ta' l-Akkolitat.
**IT-TNEJN,6.12.10:** L-Ewwel Tnejn tax-Xahar
F'nofs inhar ikun hemm il-quddiesa fiċ-Ċimiterju
**IT-TLIETA, 7.12.10: Lectio Divina**
**Fis-6.30p.m.** Ikun hemm il-laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla fis-sala tad-Dar Parrokkjali.
**L-ERBGĦA, 8.12.10: SOLENNITA' TAT-TNISSIL BLA TEBGĦA TAL-VERĠNI MARIJA. (IL-KUNĊIZZJONI)**
Xieraq li llum nieħdu sehem fil-quddiesa.
Il-quddies illum ikun bħal nhar ta' xogħol , pero' jkun hawn quddiesa oħra **fil-11.00a.m.**
**Fil-10.30a.m.** Ikun hawn nofs siegħa Adorazzjoni li tkun mmexxija mill-membri Leġjunarji.
**Fis-12.45p.m.** Jitlaq Pellegrinaġġ għas=Santwarju tal-Kunċizzjoni fil-Qala. Ikun hemm quddiesa.
**IL-ĦAMIS, 9.12.10:** Illum fl-Iskola nibdew in-Novena għat-Tfal bi tħejjija għall-Milied.
**IL-ĠIMGĦA, 10.12.10 : Laqgħa għa-Tfal tal-Griżma**
**Fil-4.30p.m.** Se nagħmel laqgħa mat-tfal kollha li din is-sena se jirċievu s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof.
Din tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali.
Dawn it-tfal huma mitluba li jattendu kollha u jkunu fil-ħin.

**Fis-6.00p.m.** Se ssir konferenza minn Dun Manwel Cordina (Direttur tal-Fondazzjoni Oasi) dwar ir-relazzjoni tal-ġenituri ma wliedhom. Tkun fiċ-Ċentru tal-Azzjoni Kattolika Victoria. Ikun hemm min jieħu ħseib it-tfal.
**Il-ĦADD, 12.12.10: IT-TIELET ĦADD TAL-AVVENT**

## KATEKEŻI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
Matul is-Sibtijiet tal-Avvent qed isiru laqgħat għaż-żgħażagħ ta' Għawdex fuq il-Kelma ta' Alla. Tkun f'Dar Nazzaret,ma ġenb Manresa House u tibda fit-8.30p.m.

## JUM DINJI TAŻ-ŻGĦAZAGĦ
Dawk iż-żgħażagħ li jixtiequ jiehdu sehem fil-Jum Dinji għaż-żgħażagħ li se jsir fi Spanja huma mitluba jinformawna mhux iktar tard mill-aħħar ta' Diċembru.

## ĠABRA GĦALL-KARITA'
Il-Ġabra li saret f'Jum il-Karita, kienet is-somma ta' €420
Grazzi ħafna.



## TQASSIM TAL-KALENDARJU U ĠABRA
**Nhar il-ĦAMIS, 9 ta' Diċembru** se nqassmulkom l-Kalendarju tal-Parroċċa għas-Sena li ġejja u fl-istess okkażjoni se nagħmlu l-Ġabra għar-restawr tal-Koppla.
Kif tafu, kienu qed jaqgħu biċċiet żgħar ta' ġebel mill-parti ta' fuq tal-koppla, minħabba li l-ġebla qed tintmess mill-melħ. Għal din ir-raġuni fuq il-parir tal-Perit għalaqna din il-parti tal-koppla biex nevitaw il-periklu għan-nies.
Issa jrid isir studju tal-passi li jridu jittieħdu ħalli mbagħad nibdew nirranġaw il-ħsara li hemm.
Għalhekk, nagħmel appell biex kulħadd jgħin mill-aħjar li jista' fil-ġabra li se nagħmlu biex inkunu nistgħu nlaħħqu ma' din l-ispiża.